**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 19 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Yvonne Farrugia**

**VS**

**Keith Attard**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Attard ta' 50 sena, bin Carmel u Doris nee' Mc Kay, mwieled sliema fl- 10 ta' Awwissu 1964, residenti Tuffolina, Dawret in-Nawfragju, Xemxija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 430064M;

> Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu minn Ottubru 2011 sa Dicembru 2011, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kmimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn €5,000 ghad-dannu tas-Socjeta’ Francis Busuttil & Sons Marketing Ltd ta’ Santa Venera;
2) Ghamel qliegh iehor b’qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta’ Malta, ta’ aktar minn €5,000 ghad-dannu tas-Socjeta’ Francis Busuttil & Sons Marketing Ltd ta’ Santa Venera;
3) Ikkoemmta serq ta’ diversi oggetti b’valur ta’ aktar minn €2,329.37 ghad-dannu tas-Socjeta’ Francis Busuttil & Sons Marketing Ltd ta’ Santa Venera liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;
4) Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn oggetti ta’ haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-aga li jsir uzu minnhom specifikat u dang had-dannu tas-Socjeta’ Francis Busuttil & Sons Marketing Ltd ta’ Santa Venera li jammonta ghal akta rminn €5,000 u liema oggetti gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li din l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat kien hallas ammont sostanzjali minn dak originarjament dovut minnu lis-socjeta' parti leza f'din il-kawza, u ghalhekk l-istess imputat gia' ha hsieb jaghmel rizarciment ghall-hsara li wettaq;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 308, 310(1)(a), 309, 261(c), (d), 267, 268(d), 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' tmintax (18) - il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Art 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna hlast ta' elf, disa mija u sitta u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1976.52) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Art 28H tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**